# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Kump. Numru: 388/2018**

**Il-Pulizija**
**(Supt. Hubert Cini)**

**Vs**

**Joseph Zahra**
**(K.I. 293553M)**

**Illum, 8 ta' Jannar 2025**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Joseph Zahra** ta 65 sena, imwieled fis-06 ta' April 1953 iben Joseph u Anne nee Cutajar, detentur tal- karta tal-identità numru 0293553M, bl-indirizz Officers' Mess Blk 5. Hse 2, Triq Ħal far Żurrieq, u residenti fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin Paola

1. U akkużat talli fl-10 ta' Ġunju 2018, ġewwa il-Faċilta' Korrettiva ta' Kordin, Paola, Malta għal ħabta ta bejn is-19:30 hrs u t-19:45 hrs, mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkaġunajt ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Janis Caruana, ta' natura ħafifa jew iġibilha diżordni f'moħħha hekk kif

iccertifika Dr. Ravindra Agarwal Reg No 3428 ( mill- Facilta' Korrettiva ta' Kordin);

2. Akkużat talli fil-11 ta' Ġunju 2018, ġewwa il- Facilta' Korrettiva ta' Kordin, Paola, Malta għal ħabta ta' bejn is-18:00 hrs u 18:30 hrs, mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkagunajt ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Janis Caruana, ta' natura ħafifa jew iġibilha diżordni f moħħha hekk kif iccertifika Dr. Ravindra Agarwal Reg No 3428 ( mill- Facilta' Korrettiva ta' Kordin);

3. Akkużat talli fi- 10 ta' Ġunju 2018, ġewwa il- Facilta' Korrettiva ta' Kordin, Paola, Malta għal ħabta ta bejn is- 19:30 hrs u 19:45 hrs f'kull każ ieħor mhux imsemmi fi-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jinġurja, jew jhedded, jew jagħmel offiża fuq il- persuna ta' lill- CO 25 Cleaven Cutajar, persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi flesekuzzioni ta' dak is-servizz;

4. U aktar talli fi- 10 ta' Ġunju 2018, ġewwa il- Facilta' Korrettiva ta' Kordin, Paola, Malta għal ħabta ta' bejn is- 19:30 hrs u 19:45 hrs għamilt inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f dan il-Kodici lill- CO 25 Cleaven Cutajar jew jekk ikun ipprovokat, jingurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba li tapplika l-Artiklu 33A tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija titratta lill-imputat bħala li sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49,50, tal- Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi kienu mogħtija lil Joseph Zahra u li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat il-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar it-28 ta' Lulju 2021 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużat;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkonsidrat;

Illi CO25 Cleaven Cutajar xehed li dakinhar tal-akkużi hu kien stazzjonat ġewwa division 6 fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin meta waqt ħin l-ikel ra lill-akkużat jersaq viċin tlett priġunijieri oħra senjatament Janis Caruana, Gilbert Busuttil u Elliot Busuttil u nduna li kienet ser tinqala' kommossjoni. Mar jistaqsi x'ġara u qalulu li kull darba li jkunu qed jieklu, l-akkużat jersaq viċin tagħhom biex jgħaddi l-arja. Dakinhar, minflok ma resaq 'l hemm, l-akkużat mar biex jeħodha magħhom. Qal li kif inhi l-*policy*, hu sakkarhom lura fiċ-ċella u x'ħin ra hekk, l-akkużat waddab barmil awrina lil CO25 Cleaven Cutajar u laqat lilu u lill-priġunieri l-oħra. Qal ukoll li l-akkużat kien regolarment jheddu li se jagħmillu bomba, jaħraqlu l-karozza u l-bieb ta' barra eċċ..

PS1336 Luke Vella xehed li rċieva żewġ rapporti. L-ewwel wieħed sar mill-akkużat dwar inċident li seħħ fl-10 ta' Ġunju 2018 fejn allega li kellu argument ma xi priġunieri għax qabdu joffenduħ, tefawlu l-ilma eċċ. PS1336 kellem lill dawn il-priġunieri u allegaw li l-akkużat qabad joffendihom u anke qabad jagħti lil Janis Caruana bil-furketta. Qal li l-għada, l-11 ta' Ġunju 2018, Janis Caruana għamel rapport mal-Pulizija li l-akkużat beda joffendihom u qabad itiħ bil-bastun. Hu ħa wkoll il-verżjoni tal-akkużat dwar dan l-inċident.

Xehed Janis Caruana fejn qal illi hu kien fid-division 6 u l-akkużat qabad itiħ bil-bastun, kien girfu u qattalu l-ħwejjeġ. In kontro-eżami qal li ma kienx hemm inċident bejnu u bejn l-akkużat u li meta seħħ l-inċident, il-kawża kienet diġà deċiża. Qal li l-inċident seħħ madwar erba' snin qabel u li kien beda għax l-akkużat waddabblu tazza ilma u offendieħ. Qal li l-akkużat kien jagħmel hekk diversi drabi. Qal li kien hemm priġunieri oħra preżenti meta seħħ dan l-inċident u li kien hemm ukoll il-cameras tas-sigurtà.

L-akkużat għażel li jixhed, fejn qal illi Janis Caruana ma riedx li l-akkużat jiekol magħhom. Qal li dakinhar tal-inċident, Janis Caruana tela' ħdejn iċ-ċella tal-akkużat, qabad il-bastun u qasmu. Qal li kien hemm l-uffiċjal CO 202 u ferraqhom. Qal li din l-aggressjoni seħħet fil-kuritur ta' quddiem iċ-ċella u ma kien hemm ebda raġuni għaliha. Hu jiċħad il-verżjoni mogħtija minn Janis Caruana, ċaħad li qattalu l-ħwejjeġ jew li b'xi mod aggredieħ.

L-uffiċjal CO 202 Joseph Farrugia xehed in difesa illi fil-11 ta' Ġunju 2018 hu kien stazzjonat ġewwa division 6 fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Qal li mil-monitors tal-*guard room* ra li l-akkużat u Janis Caruana ġew fl-idejn. Ma jafx min beda din l-aggressjoni u ma jafx ir-raġuni tal-argument x'kien. Qal li l-inċident ma seħħx viċin iċ-ċella tal-akkużat iżda seħħ in-naħa l-oħra. Qal li l-akkużat kellu bastun dak iż-żmien però ma jiftakrux jużah.

L-Uffiċjal CO 204 Justin Ellul xehed in difesa illi dakinhar tal-akkużi, l-akkużat kien fid-division 6 fiċ-ċella numru 18 filwaqt li Janis Caruana kien ukoll fid-division 6 fiċ-ċella numru 17. Dawn iċ-ċellel kienu viċin xulxin. Dakinhar tal-11 ta' Ġunju 2018, l-akkużat ġie mċaqlaq għaċ-ċella numru 8 li tinsab fil-livell għola tal-istess division.

Ikkunsidrat;

Illi fis-seduta tal-10 ta' April 2024, l-akkużat eċċepixxa l-preskrizzjoni tal-akkużi kollha. Mir-riferta ppreżentata mill-prosekuzzjoni, madanakollu, jirriżulta illi n-notifika waslet fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin nhar is-27 ta; Lulju 2018, u ċioè ftit inqas minn xahrejn wara li seħħew l-allegati reati. B'hekk, jirriżulta ampju li t-terminu preskrittiv ma ddekorriex u għalhekk il-Qorti qed tiċħad din l-eċċezzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi mix-xhieda mressqa quddiem il-Qorti jidher li hemm kunflitt bejn il-verżjoni rrappurtata a tempo vergine lill-pulizija u mniżżla fir-rapporti rispettivi u dik mogħtija quddiem din il-Qorti.

Il-verżjoni mogħtija fir-rapport ppreżentat in atti rigward l-inċident tal-10 ta' Ġunju 2018 hija li waqt l-ikel erba' priġunieri kienu qabdu joffendu l-akkużat u tefgħulu barmil ilma għaliex kien bass. Fir-rapport, l-akkużat ta ismijiet ħżiena tal-persuni li kienu allegatament offenduħ. Meta ġew mitkellma, Janis Caruana qal li l-akkużat kien jeħdilhom kollox u kien iboss ħdejhom. Dakinhar kienu qalulu biex jieqaf u qabad joffendihom. Ħaduh fiċ-ċella, waddbilhom barmil awrina u laqat anke l-uffiċjal tal-ħabs u beda jheddidhom. L-istess verżjoni ngħatat minn Elliot Busuttil u minn Gilbert Busuttil. Ġew mitkellma wkoll Joseph Zammit u Keith Barbara li kkonfermaw il-verżjoni mogħtija mill-priġunieri l-oħra u żiedu li l-akkużat kien jizzikom għax fadlilhom sentenza twila. Iċ-ċertifikat mediku ppreżentat jikkonferma wkoll li Janis Caruana sofra ġrieħi ħfief.

Il-verżjoni mogħtija fir-rapport preżentat in atti rigward l-inċident tal-11 ta' Ġunju 2018 hija li Janis Caruana mar ikellem lill xi uffiċjali tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin u x'ħin raħ l-akkużat qabad itiħ bil-bastun u qasmu fuqu. Qal li kien grifu u anke qattalu l-flokk li kellu fuqu. Eliot Busuttil qal li ra lill-akkużat jobżqilhom u lilu anke offendieħ bil-mejtin tiegħu. Qal li lill-

akużat jagħti lil Janis Caruana bil-bastun. Meta ġie mitkellem, l-akkużat qal li l-inċident ta' dakinhar huwa tkomplija tal-argument tal-ġurnata ta' qabel fejn Janis Caruana u Eliot Busuttil kien telgħu għalih u qasmulu l-bastun. Meta ġew mitkellma, CO 202 u CO 230 qalu li huma kienu qed ikellmu lill-akkużat u lil Janis Caruana indipendentement u f'ħin minnhom rawhom qabdu jagħtu. Iċ-ċertifikati mediċi juru li kemm Janis Caruana kif ukoll l-akkużat sofrew ġrieħi ta' natura ħafifa.

Illi l-Qorti tinnota li minkejja li kien hemm diversi persuni li raw dan l-inċident, il-prosekuzzjoni ressqet biss lil Janis Caruana u lil CO 25 biex jixdhu fuq dak illi raw. Di più, mix-xhieda ta' CO 202 u CO 204, minkejja li tirriżulta li kien hemm kommossjoni, ma jafux minn beda dan l-argument. Jidher li l-anqas meta kienu qed jirrapportaw l-akkadut a tempo vergine CO 202 Joseph Farrugia u CO 230 Malcolm Aquilina ma kienu jafu min beda l-argument, minkejja li kienu qed ikellmuhom ftit minuti qabel.

Illi dwar il-kommossjoni bejn l-akkużat, Janis Caruana, Gilbert Busuttil u Elliot Busuttil kif riportati fl-ewwel u t-tieni akkuża, il-Qorti ftit li xejn għandha fuq xiex toqgħod. Għar-raġuni magħrufa lilha biss, il-prosekuzzjoni ma ressqet la lil Elliot Busuttil u lanqas lil Gilbert Busutti sabiex jiddeponu fuq dak l-inċident. Janis Caruana, min-naħa tiegħu xehed ftit li xejn dwar l-inċident u dak li qal quddiem din il-Qorti huwa differenti minn dak li stqarr *a tempo vergine* fir-rapport mal-pulizija. L-istess għandu jingħad għall-verżjoni offruta mill-akkużat, ċioè, din tikkontrasta mal-verżjoni mogħtija minnu fir-rapport tal-pulizija.

Illi għalkemm l-Artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kirminali jistipola li xhud wieħed, jekk emnut, huwa biżżejjed sabiex tinstab reità, f'dan il-każ il-Qorti ma tistax tasal temmen xhud aktar minn ieħor. Aktar minn hekk, ħadd mix-xhieda prodotti ma kien f'posizzjoni li jistabbilixxi l-agressjoni kif seħħet jew, tal-inqas, fejn seħħet! Għalhekk hija l-fehma tal-Qorti li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-ewwel żewġ akkużi sal-grad rikjest mil-liġi.

Ikkonsidrat;

Illi min-naħa l-oħra, ix-xhieda ta’ CO 25 Cleaven Cutajar fir-rigward tal-inċident fejn l-akkużat waddab barmil konteneti l-awrina lejħ hija waħda kredibbli u ma ġietx ikkontrastat mill-akkużat. Jirriżulta mix-xhieda tiegħu li waqt li kien qiegħed idaħħal lill-akkużat fiċ-ċella tiegħu, l-akkużat waddab tali barmil fid-direzzjoni tal-uffiċjal, waqt li kien qed jheddu u joffendieħ. Huwa għaraf lill-akkużata bħala l-istess persuna li wettaq dawn l-azzjonijiet.

Illi, kif ġie ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs Renald Briffa:**[1]

> *“Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront ta’ l-uffiċjal pubbliku. Illi għalhekk l-element materjal ta’ dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistgħu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenżjonati biex inaqqsu il-gieh u ir-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.*
>
> *Illi l-vittma ta’ dana ir-reat jista’ ikun biss l-uffiċjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1)filwaqt illi ikun qed jagħmel servizz pubbliku (2)jew inkella minhabba li ikun għamel dana is-servizz pubbliku, (3)jew bil-hsieb li ibeżżgħu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.”*

Illi fil-fehma tal-Qorti, l-atti mwettqa mill-akkużat, ossija l-fatt li waddab barmil mimli awrina lill-uffiċjal tal-Faċilità CO 25 waqt li dan kien qiegħed jagħmlu xogħolu, jissodisfaw l-elementi tal-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk hija l-fehma tal-Qorti li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova t-tielet akkuża.

Illi fir-rigward tar-raba’ akkuża, peress li din hija alternattiva għat-tielet akkuża, il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

[1] **Il-Pulizija vs Renald Briffa**, 27 ta’ Frar 2013, Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Każ Nru 652/2011)

Ikkonsidrat,

Illi l-prosekuzzjon ppreżentat ukoll vera kopja ta' tlett sentenzi erogati mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-konfront tal-akkużat. Tnejn minnhom ingħataw fis-7 ta' Ottubru 2016 filwaqt li oħra ngħatat fid-19 ta' Ottubru 2016. Dawn is-sentenzi jikkontjenu d-dettalji tal-akkużat u jirriżulta ċar għall-Qorti illi dawk id-dettalji huma identiċi għal dawk tal-akkużat odjern. F'dawk is-sentenzi l-akkużat ingħata piena karċerarja effettiva.

Illi finalment, il-prosekuzzjoni talbet ukoll l-applikazzjoni tal-Artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront tal-akkużat. Stante li jirriżulta li l-elementi rikjesti minn dan l-Artikolu huma sodisfatti b'din is-sentenza, il-Qorti ser tapplika wkoll dan l-Artikolu fil-konfront tiegħu.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 31, 33A, 49, 50, 95, 214, 215, 221 u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li qed tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, qed issib lil **Joseph Zahra <u>ħati</u>** tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu u qed tikkundannaħ għall-piena ta' tnax-il (12) xahar priġunerija effettivi u għal multa ta' elf Ewro (€1,000) filwaqt li qed tilliberaħ mil-ewwel, it-tieni u r-raba' akkużi miġjuba kontra tiegħu.

**Ft.Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**